31 ta' Marzu, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Mizzi *versus* Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

**Haddiema tad-Deheb u tal-Fidda — Boll tal-Gvern — "Manufacture" — Art. 2 (1) tal-Kap. 74.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi l-bejgħ jew negozju ieħor f'Malta ta' oġġetti tad-deheb jew tal-fidda maħdumin lokalment jekk*

*ma jkunux imbollati bil-boll tal-Gvern hija applikabili mhux biss għal dawk l-oġġetti li jkunu nħadmu hawn Malta bl-idejn, imma anki li jkunu nħadmu bil-makna. Għax il-kelma "manufactured", użata fl-imsemmija liġi, għandha tiġi nterpretata fis-sens li l-oġġett ikun maħdum f'dawn il-Gżejjer, anki jekk ikun inħadem bil-makna.*

*Għaldaqstant, fil-każ ta' oġġett tad-deheb jew tal-fidda li jkun inħadem lokalment bil-makna, ma tistax tiġi miċħuda t-talba biex dak l-oġġett hekk maħdum jiġi mbollat bil-boll tal-Gvern għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur talab li, peress li l-konvenut nomine rrifjuta li jimbolla l-oġġetti tad-deheb li l-attur ħadem hawn Malta; u peress li r-rifjut tal-konvenut li jimbolla dawn l-oġġetti huwa inġust u illegali; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi, jiġi dikjarat u deċiż illi l-oppożizzjoni tal-konvenut li jimbolla l-oġġetti tad-deheb maħdumin hawn Malta mill-attur hija inġusta u illegali. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li t-talba ta' l-attur hija bla fundament, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, il-għaliex huwa ma rrifjutax li jimbolla l-oġġetti tad-deheb kollha li l-attur ħadem hawn Malta, iżda dawk l-oġġetti tad-deheb biss li ma kienux ġew maħdumin b'xogħol ta' l-idejn, kif tirrikjedi l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tad-Deheb u l-Ħaddiema tal-Fidda (Kap. 74), fl-art. 2 subart. (1), fejn jingħad li l-oġġetti tad-deheb jew tal-fidda li għandhom ikunu mbullati huma dawk maħdumin ("Manufactured") hawn Malta, iżda ġew maħdumin bil-makna; u illi għalhekk ir-rifjut tiegħu li jimbolla dawk l-oġġetti huwa ġustifikat u legali; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tat-30 ta' April 1951, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li ddeċediet billi ċaħdet it-talba attriċi, bl-ispejjeż mingħajr taxxa u bid-dritt tar-Reġistru għall-attur; wara li kkunsidrat;

Li mill-attijiet tal-kawża u mill-provi jidher li l-kwistjoni

kollha bejn il-kontendenti tirraġġira ruħha dwar jekk ix-xogħol tad-deheb u tal-fidda li jsir anki *bil-makna* f'Malta għandux jew le *jiġi mbullat* mill-Konslu tad-Deheb skond il-liġi;

Illi l-fattijiet a bażi ta' l-azzjoni *odjerna* huma dawk li sejrin *jiġu relatati*. L-attur, li huwa *orefiċe* jew argentier, jaħdem il-katinetti tad-deheb li l-mollatura tagħhom, flok issir bl-idejn, issir *bil-makna*, għalkemm ix-xogħol *preparatorju* jsir kollu bl-idejn. In vista ta' dana l-fatt il-Konslu tad-Deheb, jew aħjar l-assistent tiegħu li kien qed jagħmel f'loku, fuq *ordni* tas-superjur tiegħu l-konvenut Gatt *nomine*, meta l-attur fis-6 ta' Settembru 1950 *mar* biex *jimbollahom*, *irrifjuta* li jagħmillu l-boll fuq l-oġġetti "*de quo agitur*", il-għaliex kien *jirritjeni* li l-*liġi tirrikjedi* li l-*oġġetti* bollabili jridu jkunu maħdumin bl-idejn, u mhux bil-makna. Bla dak il-boll l-oġġetti li jkunu *ma* jistgħux *jiġu mibjugħa*, *imparta* jew b'xi *mod* ieħor negozjati minn kwalunkwe ħaddiem tad-deheb jew tal-fidda, jew traffikanti oħra, fuq is-suq lokali;

Illi l-kwistjoni kollha kwindi *tiddependi* mill-interpretazzjoni li għandu jkollu l-art. 2 (1) tal-Kapitolu 74 ta' l-Edizzjoni Riveduta, u partikolarment tal-kelma "manufactured" fit-test ingliż, u "*maħdum*" fit-test *malti*, ta' l-istess liġi; il-għaliex mentri l-konvenut jagħti lil dik il-kelma s-sens etimoloġiku ta' "*manu facere*", l-attur *isostni* li dik il-kelma għandha tittieħed fis-sens ordinarju—liema sens jikkomprendi "the making of articles by physical labour or machinery especially on large scale" (ara Oxford Dictionary taħt il-kelma "manufactured", kif ukoll Webster's International Dictionary page 873, middle column, taħt l-istess kelma fuq imsemmija, u Worcester's page 879 *idem*); u ladarba l-leġislatur ma għamelx fil-liġi distinzjoni bejn xogħol ta' l-idejn u xogħol tal-makna, hemmx lok li dik id-distinzjoni ssir minn min japplikaha;

Illi l-operazzjoni kollha, sa mill-bidu tagħha sabiex isiru l-katinetti in kwistjoni, għandha *diversi* stadji. Ma hemmx bżonn jingħad li l-ewwel ma għandu jkun hemm hija l-materja prima, u, meta jkunu tad-deheb, ta' dika l-materja. Dana d-deheb, meta ma jiġix mill-ewwel minn barra fil-forma ta' fili rqaq u assaġġjati, irid jiġi, meta jkun jikkonsisti, bħal ma ġeneralment isir f'dawn il-Gżejjer, f'deheb miksur, imdewweb

ġeneralment bil-"blow lamps" u assaġġjat, ħalli joħroġ ta' li "standard" li għandu jkun, u sabiex jitħallat sewwa ġie li jiġi mdewweb wara l-lega aktar minn darba. Meta dak id-deheb isir ta' li "standard" li għandu jkun, isir f'forom ta' ingotti ħxuna ta' sabgħa ta' l-id il-werrej, u jiġi mġebbed bl-għodda "ad hoc", u jiġi ridott għall-ħxuna tal-katinetta li tkun qiegħda tiġi manifatturata. Bil-gbid jiġi ridott skond il-"gauge" għall-ħxuna li l-artefiċi jkun irid. Iema fil imbagħad jiġi mkebbeb fuq rukkell li huwa konness mal-, u jagħmel parti mill-, makna li bil-ħdim tagħha elettrikament, bl-attendenza ta' ħaddiem, joħorġu l-anelli mibruma (u mhux dritti), ċatti, marbutin ma' xulxin skond it-tul tal-fil manellat; u peress li l-anelli ma jkunux magħluqin b'mod li ma jkunux jistgħu joħorġu minn xulxin meta joħorġu mill-makna, l-istess jiġu ngaljati jew issaldati għas-solidità tal-katinetta kollha f'daqqa bil-gas, wara li jitfarfar fuqhom ċertu "powder" jew trab speċjali. Anki s-saldjar isir bi speċi ta' makna oħra, u jgħaddu ġiżirana minnha, u bil-gas jagħti fuqha biex tissaldja ruħha. Meta tkun lesta l-katinetta jagħtuha l-kulur tad-deheb. Il-molol tal-katinetta però jsiru bl-idejn u bla użu ta' makni. Meta però l-inanellazzjoni jew l-anelli jsiru bl-idejn, il-proċess ivarja; u wara li jsiru skond il-"gauge" il-fili tad-deheb, l-istess jiġu mkebba fuq biċċa ħadida biex isiru anelli, u wara jiġu maħduma waħda waħda, u ngaljati mhux f'daqqa, imma waħda waħda;

Illi minn dawn l-proċessi ma hemmx bżonn jingħad li l-effetti u l-konsegwenzi tagħhom huma diversi. Tabilħaqq, mentri bil-makna x-xogħol jiħfief u jkun aktar unit, u l-produzzjoni tkun aktar abbondanti u ekonomika għaż-żmien, dawk li jsiru bl-idejn huma ġeneralment prodotti fi stat mhux uniti bħal dawk prodotti bil-makna, u l-istess jintgħarfu fil-għajn għal dik ir-raġuni, u l-produzzjoni tagħhom tirrikjedi ferm aktar żmien u xogħol materjali, u fl-istess ħin per konsegwenza tkun anqas abbondanti;

Illi minn dawn l-operazzjonijiet kombinati jirriżulta li x-xogħol tal-katinetti in kwistjoni parti jsir bl-idejn u parti jsir bil-makna. Fil-fehma tal-Qorti, peress li katinetta fl-uniċità tagħha hekk tkun tissejjaħ il-għaliex tkun ġabra ta' anelli marbutin flimkien, dina l-inanellazzjoni tikkostitwixxi l-parti

l-aktar importanti u prinċipali fil-manifattura tagħha sabiex tassumi l-ispeċi ta' katinetta, jew katinella, jew ġiżirana, u x-xogħol l-ieħor huwa kollu ta' natura u indoli preparatorja;

Illi skond id-dottrina hemm xi regoli elementari li jservu għall-intelliġenza tal-kliem umani u għall-aħjar intendenza tal-kliem tal-liġi. Huwa għalhekk li ntqal li l-kliem tal-liġi jridu jiġu mifteħmin u ntiżi fis-sinifikat tagħhom proprju kif jiġu użati fl-istess liġi. Billi, però, kelma jista' jkollha ħafna sinifikati, li kull wieħed minnhom ikun approprjat għall-kondizzjonijiet intellettwali, u anki soċjali, ta' min jadoperaha, il-kliem tal-liġi jista' jkollhom sew sinifikat volgari, ċjoè proprju tal-lingwaġġ komuni taċ-ċittadini, sew sinifikat xjentifiku, li huwa sinifikat partikulari fissat minn dik l-istess xjenza li prevalentement tagħmel użu minn dik i-istess kelma sabiex tesprimi l-konklużjonijiet tagħha. Flimken u ma' dawn iż-żewġ sinifikati hemm ukoll is-sinifikat, li hekk jissejjaħ tekniku, u li jitnissel mid-definizzjoni li ta' dawk l-istess kliem l-istess leġislatur ikun għoġbu jagħti fil-klawsola definitorja li tkun tista' tikkontjeni l-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dik il-klawsola, li jitnissel mill-proċess tal-moħħ ta' l-interpreti dwar l-użu ta' dawk l-istess kliem fl-istess u fil-varji dispożizzjonijiet tal-liġi li fuq il-kliem tagħha tkun tivversa l-kwistjoni. Ma hemmx kwistjoni, u huwa paċifiku, li s-sinifikat tekniku għandu ċertament jipprevali fuq is-sinifikati l-oħra, għar-raġuni loġika u naturali li r-riċerka tkun tivversa fuq il-komprensjoni tal-kontenut ta' dik l-istess liġi espressa bil-kliem fiha adoperati, u fin-nuqqas biss ta' dak is-sinifikat għandha tiġi segwita r-regola gradwali tas-sinifikat xjentifiku, bi prevalenza fl-aħħarnett fuq is-sinifikat volgari. Meta mbagħad, għar-raġuni ta' imperfezzjoni umana, l-istess kliem jiġi adoperat issa f'sinifikat tekniku, jew drabi oħra f'sinifikat xjentifiku, jew volgari, allura tidħol in operazzjoni l-interpretazzjoni loġika, sabiex permezz tagħha jiġi ċċarat f'liema fost u mid-diversi sinifikati għandha tiġi dik il-kelma meħuda sabiex ikun hemm ritratta l-vera intenzjoni tal-leġislatur li jkun għamel użu minnha;

Illi taħt is-sinifikat tekniku tal-kliem tal-liġi jidħlu ndubbjament is-sinifikati tal-kelma li tkun, li huma tradizzjonali; u peress li t-termini ġuridiċi normalment jidderivaw mill-istess latin, minħabba l-influwenza tad-Dritt Ruman jew id-Dritt

Medjevali *meta kienet fl-iskritti tiġi użata* l-lingwa, is-sinifikat li dawk il-kliem allura kellhom u ġew imlibbsin bih jikkonservawh ukoll ordinarjament fid-Dritt Tagħna (ara "Istituzioni" tal-Pacifiċi Mazzoni, Vol. I, paġ. 43, para. 19);

Illi wara dan li għidna, mhux ozjuż li jingħad, kif jista' jidher aħjar iżjed tard, li l-Kapitolu 74 ta' l-Edizzjoni Riveduta, u li jinkorpora l-Ordinanza XII ta' l-1920 kif emendata bl-Att X ta' l-1932 u bl-Att II ta' l-1938, u, wara dik l-Edizzjoni tal-Liġijiet ta' Malta, bl-Att XXII ta' l-1949, bil-liġijiet sussidjarji kontenuti fil-Government Notice 640 ta' l-1939 kif emendata bil-Government Notice 663 ta' l-1947 u bir-Regolamenti magħmula mill-Gvernatur bil-Government Notice 349 ta' l-1920, kif emendata bil-Government Notice 123 ta' l-1922 u oħrajn imdaħħla fil-Vol. VI paġ. 125 u 126 tal-Liġijiet ta' Malta, huma mnisslin, salva l-evoluzzjoni meħtieġa *skond in-neċessitajiet varjanti soċjali dwar il-prinċipji* kardinali tagħhom, mill-Ordinanza II ta' l-1856 (Regolamenti għall-orefiċi kontenuti fil-Government Notice 162 ta' l-1899; dawk tal-Konsoli *Government Notice* 135/1897, dwar id-dritt tal-ħlas tal-boll Ordinanza VI ta' l-1858, u dwar l-assaġġ Government Notice tas-6 ta' Diċembru 1856); kif dina l-aħħar hija mnissla minn Notice tal-1 ta' Ottubru 1810, u bin-Notifikazzjoni tas-26 ta' Jannar 1920, reża operabili fl-1 ta' Frar 1820, intiża biex tponi fini għall-irregolaritajiet allura eżistenti fil-manifattura ta' l-artikoli tad-deheb u fidda f'dawn il-*Gżejjer, u fl-aħħarnett* mid-Dritt Muniċipali (Ktieb VII, Kap. VII), fejn huma mnizzla r-regolamenti li jirrigwardaw l-orefiċi, l-arġentieri, il-muniti u l-alkimja;

Illi jekk jiġi segwit proċess invers għal dak li ntqal u ssemma fuq, sabiex tiġi studjata u eżaminata l-intenzjoni tad-diversi leġislazzjonijiet "in subjecta materia", insibu dan li sejjer jingħad. Fil-Kodiċi De Rohan ix-xogħol ta' l-orefiċi u l-arġentieri jissejjaħ "opere d'oro" jew "opere d'argento", u l-istess liġi lill-*orefiċi* u l-*arġentieri* ssejħilhom "*maestri*". li tammonta għal bniedem jew bnedmin ammaestrati fl-arti ta' l-orefiċerija u l-arġenterija, kapaċi li jgħallmuha lill-oħrajn li ta' dik l-arti ma għandhomx dik l-*istess maestrija* jew ċertu grad ta' maestrija, li skond il-paragrafu XX tal-Kodiċi Muniċipali kienet tirrikjedi ċertu tiroċinju u eżami biex bniedem

minn lavrant jista' jsir oreficì u argentier għal rasu. Dan juri li fl-arti in kwistjoni kienet bla dubju rigwardata b'importanza kbira l-kapaċità u attitudini personali, materjali u prattika *tal-persuna*, salva l-intelliġenza tagħha, anzikkè kwalunkwe virtù oħra tal-bniedem. Dina l-kapaċità personali jew inerenti *għall-bniedem, ma tistax* tiġi sostitwita la minn bniedem ieħor u lanqas minn mezzi estranei; u dan huwa aċċentwat mill-fatt fejn dak l-istess *Kodiċi*, fil-paragrafu XII, ordna li "Ogni maestro deve fare la sua marca differente ed improntarla in qualunque sua opera, benchè *piccola*, *per conoscersi* quindi l'autore ecc."; liema dispożizzjoni ġiet preċipwament magħmula sabiex l-opri li jiġu magħmula jkunu faċilment *marbuta* ma' l-awtur tagħhom għall-każ li *ma* jkollhomx l-elementi kollha meħtieġa, u fl-istess ħin, kif huwa risaput, kienet isservi bħala *stimolu għal dik il-għira fl-artefiċi*, biex ix-xogħol tagħhom ikun mill-aħjar fil-paragun ta' opri ta' artefiċi oħra; u jingħad *ukoll*, *inkonxjament* ġiebet, bil-passaġġ taż-żmien, fl-intendenti fil-materja, l-apprezzamenti varjanti artistiċi u materjali ta' opra minn oħra *ta'* maestri-artefiċi f'epoki diversi;

Illi dana jnissel miegħu, f'epoka meta ċertament ma kienux jiġu użati fix-xogħol "de quo" *makni*, kemm kienet biss apprezzata l-attività tad-destrezza fil-maneġġ tal-għodda ta' l-idejn edotta mill-kapaċità prattika u l-intelliġenza ta' l-*artista*, *u biss dina* l-opra magħmula bl-idejn kienet mill-leġislatur tiġi bollata mill-Konslu, kif hemm inġunt fis-sezzjoni VIII *ta' l-istess Kodiċi*, *fejn* jingħad li "Fatta e ridotta a perfezione qualsiasi opera d'argento, grande e piccola, dovrà il maestro, fra dodici ore, portarla al console per farla conoscere e bollare, ecc.";

Illi bl-avvent tad-Dominazzjoni *Ingliża*, fiż-żmien tal-Protettorat, u sal-1 ta' Ottubru 1810, baqgħet ikollha setgħa l-"Hall Mark" tal-Kavalieri ta' Malta; imma minn dak *il-jum tbiddlet* l-istess *marka*, *il-għaliex il-*"Hall *Mark*" ta' qabel bdiet tiġi frawdolentement apposta minn kwalunkwe bniedem. *Il-proċedura* però tbiddlet bin-Notifikazzjoni tas-26 ta' Jannar 1920, li daħlet in operazzjoni fl-1 ta' Frar ta' dik l-istess sena. *F'dawn iż-żewġ attijiet* l-aħħar imsemmija ntużat ruħha għall-ewwel darba l-kelma "manifattura", meta kien għad ma hemmx makkinarji għall-opri in kwistjoni. Mal-Kon-

slu tad-deheb u dak tal-fidda ġie maħtur assaġġatur, biex jispezzjonaw flimkien "qualunque articolo manifatturata d'oro e d'argento", qabel ma jimbullah bil-boll tal-Gvern (Reg. 1 u 2 hic), u bl-inkariku li jagħmlu rapport ta' l-irregolaritajiet konstatati;

Illi sa dawn l-atti, fil-fehma ta' dik il-Qorti, il-kelma "manifatturata" ma setgħetx assumiet sinifikat differenti minn dak li kien intiż li jiġi kopert fil-Kodiċi De Rohan taħt il-kelma "opere"; il-għaliex allura ma jirriżultax li kien hemm makkinarju prinċipali jew awżiljari għal dak l-istess xogħol;

Illi dina l-proċedura baqgħet miexja sa ma ħarġet l-Ordinanza II ta' l-1856, li ġiet publikata bil-Proklama nru. XVIII ta' l-1856 (Government Gazette nru. 1897 tat-12 ta' Diċembru 1856), u li biha (art. 12) ġew abrogati l-Kap. VII, Ktieb VII, tad-Dritt Muniċipali, u n-Notifikazzjoni tal-20 ta' Jannar 1820, "and any and every other law and regulation regarding the matters which form the subject of the Ordinance"; liema Ordinanza kellha tibda l-effett tagħha xahrejn wara l-promulgazzjoni tagħha (art. 13 hic);

Illi l-art. 1 ta' dik l-Ordinanza jikkorrispondi sostanzjalment għas-sezzjoni 2 (1) tal-Kap. 74 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm hemm xi varjazzjoni fil-kliem taż-żewġ testi. Tabilħaqq, jingħad li fl-Ordinanza II ta' l-1856 fl-ewwel artikolu hemm maħsub li "no gold or silver article manufactured in the Island of Malta and its Dependencies shall by any goldsmith, silversmith, or other dealer, be sold, bartered or otherwise dealt with in course of trade, unless such article be marked with the Government stamp". It-test taljan, kif jidher, jitkellem fuq "oggetto manifatturato". Fl-artikolu 6 hemm maħsub li ebda orefiċi jew arġentier ma jkun jista' jieħu liċenza tal-Pulizija biex imexxi dak ix-xogħol qabel ma jagħti eżemplar tal-marka li huwa jkun sejjer juża fl-opri tiegħu ("a specimen of the mark which he intends to use on his work"); Dik l-Ordinanza hija sussegwita fl-istess Gazzetta tal-Gvern (paġ. 338) mir-Regolamenti għall-assaġġ, boll, peżament, u valutazzjoni ta' l-oġġetti tad-deheb jew fidda manifatturati fil-Gżira ta Malta u Dipendenzi Tagħha, fejn fil-Kap. II, artikoli 7, 8, 11, 13 u 14, il-ħaddiema tal-materja msemmija huma msejħa "artificer" jew "artefice";

Illi l-kelma "manufacture" jew "manifattura", paragunata u in relazzjoni mal-kelma "artificer" jew "artefice" bħala persuna li taħdem ix-xogħol manifatturat, tispjega, fil-ħsieb ta' dik il-Qorti, dik l-istess kelma. Tabilħaqq, "artificer" huwa "an artistic worker, a mechanic, or manufacturer; one whose occupation requires skill or knowledge of a *particular kind*, as a silversmith" (ara Webster, International Dictionary, taħt dik il-kelma, sinifikat nru. 1, paġ. 86, kolonna 1ma.), kif "artefice" tissinifika "esercitator d'arte meccanica con qualche effetto di intelligenza, artista, artiere, artigiano, operatore, facitore, autore" (Fanfani, colonna 300), jew "chi esercita un'arte con non servile lavoro, un qualche esercizio dell'intelligenza e dell'affetto, chi può coltivare l'arte sua, meccanica o no, ecc.; l'oriuolo, l'orefice sono artefici, stanno tra l'artigiano e l'artista" (Tommaso Bellini, Vol. I, Parte I, paġ. 634, colonna 3za.);

Illi minn dan ma hemmx bżonn jingħad li jekk l-artefici li jimmanifattura l-oġġetti in *diskussjoni* huwa persuna bejn l-artiġjan u l-artista, li l-arti mekkanika tirrikjedi ċerta destrezza fil-maneġġ tal-għodda, l-opra li huwa jagħmel trid ta' bilfors tirritraji dik il-kapaċità personali li tvarja minn persuna għall-oħra, u li hija tkun newtralizzata u distrutta meta b'mezz ta' makni dik l-impronta u karatteristika personali ma jkollhiex improntata fuqha l-għaraq *u l-frott* tax-xogħol tiegħu; b'mod li fid-dispożizzjoni in diskussjoni l-kelma "manifattura" jew "manufacture" trid ta' bilfors ikollha s-sinifikat li taha l-leġislatur, ta' xogħol magħmul bl-*idejn*, *fejn* fih tkun tidher il-kapaċità personali u karatteristika tal-persuna li tagħmilha. Dan huwa aċċentwat mill-fatt li allura, meta saret l-Ordinanza ta' l-1856, ma kienux, *għall-katinetti msemmija*, jeżistu l-makni in kwistjoni; kif ukoll mill-fatt, risaput fuq issuq lokali, li jeżistu anki l-lum bħal ma huma, biex nagħtu eżempju, il-kuċċarini tal-"jam" *tal-muniti ta'* Maria Teresa, li jsiru minn aktar minn artefiċi wieħed, eppure dawk ta' ċerti artefiċi jissuperaw l-oħrajn għall-irfinar, eleganza u kapaċità personali ta' l-artefiċi li jagħmilhom, *u għal min* jifhem faċilment distingwibili. Li-stess ħaġa jingħad għall-gwantieri tal-fidda bl-armi tal-Kavalieri;

Illi li l-artikolu jew sezzjoni 2 (1) *tal-Kap.* 74 tal-Liġijiet

ta' Malta huwa ugwali in sostanza għall-art. 2 ta' l-Ordinanza II ta' l-1856 qalu listess leġislatur fis-sitting no. II tad-Debates of the Council of Government (Vol. XXXIX, 1917-21, Kolonna 1047), fejn intqal ukoll li l-Ordinanza XII ta' l-1922 kienet qiegħda tiġi proposta "to develop local industry and particularly to better the trade". F'din l-istess tornata tal-Kunsill intqalet ħaġa oħra ta' importanza, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, li turi kemm il-leġislatur ried jipproteġi l-industrija lokali u l-ħaddiem indiġenu, u ċjoè dak li ġie stabbilit fl-art. I tal-liġi attwali in vigore tal-marġini ta' tolleranza sabiex tiġi protetta l-industrija lokali tal-filograno, "which of late years has been much in decline owing to the keen competition it has to sustain from foreign filigree worked by machinery"; il-għaliex dik l-industrija hawn Malta dejjem ġiet magħmula bl-idejn, u għalhekk hija aktar apprezzata minn nies lokali u frustieri. Del resto, tant il-leġislatur ried jipproteġi dak ix-xogħol ta' l-idejn fl-industrija tal-filogranu, li kienet qiegħda ftit ftit tmut minħabba l-kompetenza tax-xogħol esteru tal-makni, u tant kienu saru inadegwati l-provvedimenti ta' l-annu 1920, li nħareġ l-Att XXII ta' l-1949 għall-istess fini. Huwa ozjuż li jingħad li, meta ngħidu u ntqal "industrija lokali", taħt dik id-diċitura huma ndaħħla n-nies li f'dik l-industrija jagħmlu minnha l-għajxien ta' kuljum. Anzi dina l-protezzjoni turi wkoll li l-leġislatur ma *kellux f'rasu jaħseb fix-xerrej u fir-roħs tal-prezzijiet*, imma fil-manutenzjoni ta' ħaġa kważi nazzjonali, a diskapitu għal dawk li jħarsu lejn il-ħajja mill-punti di vista biss tal-produzzjoni aktar abbondanti, ekonomiċi u finanzjarji. Dawna l-emendi juru li l-kelma "manifattura" l-leġislatur kien qiegħed jagħtiha ċertament is-sinifikat tekniku *tradizzjonali ta' xogħol ta' l-idejn*;

Illi argument ieħor jista' jittieħed mill-formola "A" annessa mal-Government Notice 349/1920 (Government Gazette 6337 ta' l-24 ta' Settembru 1920) fil-parti finali tal-formola, fejn l-arteficì jrid jiddikjara li l-artikoli li huwa ppreżenta għall-assaġġ u *boll ikunu ġew magħmulin minnu jew taħt l*-osservanza tiegħu naturalment minn lavranti tiegħu, b'sustanzi omoġenei eċċ., dak li juri li x-xogħol jew opri jrid ikollhom l-għajn u d-daqqa ta' l-imgħallmin; u dana ma jsirx bil-mez-

zi estranei, per kwantu aktar ekonomiċi fi kwalunkwe sens rigwardati;

Illi għal-l-istess interpretazzjoni jwassal l-art. 7 tal-liġi viġenti, fejn huwa inġunt li kull artiġjan irid ikollu l-marka tiegħu fuq l-opra li huwa jkun ħadem;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dik il-Qorti, il-kelma "manufacture" baqgħet tassumi s-sens tradizzjonali tagħha, li jitnissel mill-ilsien Latin ta' "manu facere";

Illi mhux argument li jingħad li l-Konslu f'xi okkażjonijiet sporadiċi appona fuq il-katinetti in kwistjoni, li l-ktajjen tagħhom ġew maħduma bil-makni, il-boll meħtieġ, l-għaliex kien dmir dak l-uffiċjal mhux jinterpreta l-liġi, imma japplikaha, u f'każ ta' inċertezzi u dubji jirrikorri lis-superjur tiegħu ħalli jieħu l-ordnijiet minn għandu, u mhux jagħmel minn rajh;

Illi lanqas huwa argument li jingħad li b'dan il-mod sejjer ikun arrestat il-progress u ekonomikament sejjer ibati mill-provvediment il-publiku; l-għaliex jekk fil-ħsieb tal-leġislatur huwa kellu f'rasu li jirregola biss l-industrja lokali, u in konsegwenza lill-ħaddiema ta' dik l-industrja, per kwantu huma ta' saħħa l-argumenti tal-progress u ta' l-ekonomija taż-żmien u l-flus, eppure dawn l-aħħar prinċipji għandhom iċedu l-kamp lill-intenzjoni ta' l-istess leġislatur. Tabilħaqq, kieku l-leġislatur irid li ċertu numru ta' nies ma jkunux liċenzjati mix-xogħol għalkemm dak ix-xogħol ikun mhux meħtieġ, il-fatt li huwa jridhom hekk impjegati kontra kwalunkwe prinċipju ta' ekonomija politika eppure ma jħassarx li l-intenzjoni tiegħu tipprevali fuq dik l-opportunità ekonomika; l-għaliex huwa jreġi bil-liġijiet il-pajjiż, u l-veduti tiegħu, li jkunu poġġuti fuq in-nuqqas ta' "displacement" ta' nies, ikunu aktar immedjati minn dawk kuntrarji;

Illi mill-provi rriżulta wkoll li xi żmien ilu, fi żmien Konslu ieħor, xi artefiċi tad-deheb u tal-fidda ried iġib makkinarju għax-xogħol in kwistjoni, però lilu ma ġiex mogħti dak il-permess — dak li juri f'liema sens kienet tiġi interpretata l-liġi;

Illi d-diffikultà tas-soluzzjoni tal-materja legali tissuġġerixxi temperament fl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li appella mis-senten-

za fuq imsemmija tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' April 1951, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawk li ġew rikapitolati fis-sentenza appellata, u l-kwistjoni tirriżolvi ruħha fl-interpretazzjoni tal-kelma "manufactured in the Island of Malta and its Dependencies" — "maħdumin fil-Gżira ta' Malta u fil-Gżejjer li jagħmlu magħha" — fl-Ordinanza XII ta' l-1920, Kap. 74 tal-LL., u partikolarment fl-art. 2 (1) ta' dik l-Ordinanza. Il-konvenut nomine u l-Ewwel Qorti rritenew li f'dik il-liġi l-kelma "manufactured" — "maħdum" — għandha tiftiehem fis-sens ta' "handmade"—"maħdum bl-idejn";

Ikkunsidrat;

Illi l-kelma "maħdum"—"manufactured"—mhix terminu ġuridiku u tekniku li għandu sinifikat speċjali, la fil-liġi u lanqas fl-arti; u fl-Ordinanza fuq imsemmija ma hemmx ebda definizzjoni ta' dik il-kelma. Għaldaqstant, fl-assenza ta' definizzjoni li tagħti lill-kelma xi sens u interpretazzjoni speċjali, dik il-kelma għandha tiftiehem fis-sens li dik il-kelma għandha fil-lingwaġġ ordinarju, u mhux fis-sens etimoloġiku, li jista' jkun divers minn dak tal-lingwaġġ ordinarju tan-nies li għalihom hija intiża l-liġi — "verba legis eo semper sensu accipienda quem fert communis loquendi usus" (Leg. 1 § 20, de exercit. action.). Fil-kelma "maħdum" — "manufactured" — ma hi involuta ebda limitazzjoni tas-sens għas-sinifikat ta' maħdum bl-idejn biss, iżda tfisser li l-oġġett, il-ħaġa, hija prodotta bil-ħidma u x-xogħol ta' bniedem, b'għodda jew b'makni, jew anki b'idejh biss, minn materjal li fuqu jispjega l-enerġija u l-kapaċità tiegħu;

L-Odham's Dictionary ifisser il-kelma "manufacture" "to make finished goods out of raw materials by means of an elaborate and organised system of labour under single conduct, especially with the aid of machinery". Li kieku l-leġislatur ried jikkontempla f'dak l-artikolu x-xogħol bl-idejn għad-differenza tax-xogħol bil-makni, kien juża fit-test Malt

mhux il-kelma "maħdum", iżda l-frażi "maħdum bl-idejn", u fit-test Ingliż kien juża l-kelma "handmade", u mhux "manufactured";

U tabilħaqq, b'żewġ liġijiet oħra fuq manifattura ta' oġġetti oħrajn, fejn il-leġislatur ried jikkontraddistingwi l-prodott maħdum bil-makna minn prodott maħdum bl-idejn, ġew użati l-kliem li jesprimu l-konċett ċar u tond. Hekk sar fil-"Machine-made Cigarettes (Excise Duty) Act" ta' l-1927, fejn fl-art. 7 ġiet magħmula distinzjoni u trattament differenti bejn sigarretti maħduma bil-makna u sigarretti maħduma bl-idejn ("machine-made", "hand-made"). U fil-"Local Lace Industry (Protection) Act" ta' l-1927 hemm l-istess distinzjoni espressa bejn "lace manufactured by machinery" u "lace ordinarily manufactured by hand". Huwa wkoll ta' min jinnota li fit-test Taljan ta' l-Ordinanza in kwistjoni l-kelma użata hija "manifatturato", u din il-kelma, li hija soleċiżmu, tfisser "fabbricato", u mhux "manufatto"; u li kieku l-leġislatur ried ifisser "hand-made" — "maħdum bl-idejn", kien juża l-kelma "manufatto", u mhux "manifatturato";

Ikkunsidrat;

Illi l-kontest tal-liġi jkompli jsaħħaħ l-interpretazzjoni li qiegħda tagħti din il-Qorti lill-art. 2 (1) fuq imsemmi. U tabilħaqq, il-liġi fl-art. 3 (1), 4 u 5, tikkontempla l-assaġġ li l-Konslu għandu jagħmel qabel ma jimbolla l-oġġett, u dana jirrigwarda l-kwalità tal-metall, u ma timponix lill-Konslu li jeżamina jekk l-oġġett sarx bl-idejn inkella bil-makna. U fl-art. 6 l-istess liġi tikkontempla d-dikjarazzjoni li l-oreficì u l-arġentier għandhom jagħmlu sabiex il-Konslu jagħmel il-boll, u dik id-dikjarazzjoni tirrigwarda biss il-kwalità tal-metall, u mhux ix-xogħol bl-idejn jew bil-makna. Ċertament, li kieku l-liġi kienet tillimita l-boll għall-oġġetti maħdumin bl-idejn biss, kieku kienet timponi lill-Konslu l-eżami tax-xogħol ukoll, u lill-oreficì u l-arġentier kienet timponilhom jagħmlu d-dikjarazzjoni mhux fuq il-metall biss, iżda anki fuq il-mod kif ħadem l-oġġett. Dana l-liġi ma timponiħ imkien;

Ikkunsidrat:

Illi l-iskop tal-liġi huwa li tipproteġi l-industrja lokali

mill-konkorrenza stranjiera u l-bona fede tax-xerrejja mill-frodi fuq il-finezza tal-metall, u x-xogħol bil-makni jew bl-idejn ma kien jindaħal xejn fl-iskop evidenti tal-liġi. L-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat lill-art. 2 (1) ta' l-Ordinanza ġġib għall-konklużjoni kuntrarja għall-protezzjoni ta' l-industrija lokali. U tabilħaqq, jekk l-oġġett tad-deheb jew tal-fidda mhuwiex bollabili jekk ma jkunx maħdum bl-idejn, iżda bil-makna, jiġi li skond l-art. 2 (1) fuq imsemmi dak l-oġġett, għax maħdum bil-makna, ma jkunx jista' jinbiegħ f'Malta, fil-waqt li jibqgħu jistgħu jinbiegħu f'Malta l-oġġetti tad-deheb jew tal-fidda maħdumin bil-makna barra minn Malta u mhux suġġetti għall-boll (art. 9 (2)). Il-leġislatur, li ried jipproteġi l-industrija lokali, evidentement qatt ma ried joħloq d'n ix-xorta ta' protezzjoni speċjali favur l-industrija ta' barra minn Malta għall-prodotti importati hawnhekk. Għaldaqstant huwa anti-ġuridiku li, b'interpretazzjoni mġebbda, liġi li hija intiża għall-protezzjoni ta' l-industrija lokali tiġi konvertita fi preġudizzju u ostakolu għal dik l-industrija. Kif issentenzja Modestinus, "nulla juris ratio aut aequitatis benignitas patitur ut, quae salubenter pro utilitate hominum introducuntur, ea nos duriore interpretatione contra ipsorum commodum producamus ad severitatem" (L. 25, Dig. de Legibus);

Ikkunsidrat;

Illi għaldaqstant it-talba ta' l-attur għandha fondament tajjeb, iżda minħabba n-novità tal-kwistjoni jixraq li l-Qorti timmodera l-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talba ta' l-attur, iżda tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut nomine.